**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Kumpilazzjoni Nru. 124/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Wayne Camilleri)**

**vs**

**Jonathan Attard**

**Illum, 11 ta' Novembru, 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet imressqa fil-konfront ta' Jonathan Attard, detentur tal-karta tal-identità numru 182679M, li permezz tagħhom ġie akkużat li f'xi ħinijiet matul il-lejl ta' bejn nhar it-22 ta' Diċembru 2018, u bejn nhar it-23 ta' Diċemru 2018, minn ġewwa Triq Blackley, Pietà:

1) Bil-ħsieb li jagħmel delitt li ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu, ta bidu għall-eżekuzzjoni sabiex jikkommetti

serq minn ġewwa vettura tal-għamla Peugeot, bin-numru tar-reġistrazzjoni GAU 424, li kienet ipparkjata fl-imsemmija triq, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaħa misruqa;

2) U aktar talli fl-istess data, lok, u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor, mobbli jew immobbli, u ċioè vettura tal-għamla Peugeot, bin-numru tar-reġistrazzjoni GAU 424, liema ħsarat ma jiskorrux l-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2500), iżda huwa iżjed minn mitejn u ħamsin ewro (€250), li saret għad-dannu ta' David Pace u/jew persuni oħra;

3) U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, ikkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza ta' 22 xahar priġunerija sospizi għal tliet snin, liema sentenza ġiet mogħtija mill-Maġistrat Dr D Frendo Dimech LLD, fis-06 ta' Frar 2018, liema sentenza hija definittiva, u ma tistax tinbidel bi ksur tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tqis lill-imputat bħala reċidiv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi definittivi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita' mill-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jekk ikun il-każ, kif stabbilit fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ppreżentati.

Semgħet ammissjoni tal-imputat, li ġiet ikkonfermata mill-istess imputat wara li ngħata żmien raġjonevoli sabiex jirrikonsidra l-istess ammissjoni, u wara li ġie spjegat lilu l-konsegwenzi legali li ġġib magħha tali ammissjoni.

Rat il-verbal magħmul mill-Uffiċjal Prosekutur fis-seduta tas-26 ta' Frar 2019, fejn ġie ddikjarat li fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, dik hija mezz ai fini tar-reat, stante li l-ħsarat li saru, kienu qed isiru waqt l-attentat ta' serq.

Rat ir-rapport ippreparat mill-Probation Officer.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, din il-Qorti ma għandhiex triq ohra, għajr li ssib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.

Illi l-Qorti tqies li t-tieni imputazzjoni, serviet ta' mezz ai fini tal-ewwel imputazzjoni.

Illi dwar il-piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li bihom jinsab akkużat l-imputat. Hadet in konsiderazzjoni wkoll, tal-ammissjoni ferm bikrija tiegħu u l-fedina penali tal-istess imputat, li mhijiex xi waħda nadifa. Madanakollu, din il-Qorti tħoss li l-imputat għamel avvanz kbir biex jegħleb il-vizzji li qed isofri minnhom, u din il-Qorti tqis li l-progress straordinarju li għamel l-imputat, għandu jiġi kkunsidrat fid-deċiżjoni li ser tieħu din il-Qorti dwar il-piena. Il-Qorti tqis li l-imputat għandhu jingħata opportunità tal-aħħar, u għalhekk ma tqisx li piena karċerarja tkun waħda idoneja fid-dawl taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ.

**Decide**

Il-Qorti qiegħda għalhekk, wara li rat l-artikoli 17(b), (h), 20, 28A, 28B (2)(b), 31, 41 (1)(a), 49, 50, 261(b) (c ) (f) (g), 263, 267, 270, 271(g), 278(3), 279(a) 280(2), 289 u 325(1)( b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu. Fir-rigward tal-ewwel u t-tieni

imputazzjoni, wara li rat illi t-tieni imputazzjoni tal-ħsara volontarja fuq il-vettura, tirriżulta li kienet mezz għall-fini, u għalhekk għandu jkun hemm assorbiment fil-piena għal dik l-imputazzjoni, tikkundannah għal sena priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħdin jiġu sospiżi għal sentejn mil-lum. Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, tordna li s-sentenza sospiża imposta permezz ta' sentenza mogħtija fis-6 ta' Frar 2018, terġa' tibda tiddekorri mil-lum.

A tenur tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qieghda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal żmien tliet snin, sabiex ikompli jingħata l-għajnuna kollha neċessarja sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga u tax-xorb, inkluż dik psikoloġika, jekk hekk meħtieġ.

Tordna lill-ħati jħallas is-somma ta' seba' mija u ħamsin Ewro (€750) lill-parti leża, u ċioè David Pace, fi żmien sitt (6) xhur, ai terminu tal- Artikolu 28H tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza, kif ukoll jekk jikser l-Ordni ta' Trattament fuqu impost.

Maġistrat Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Reġistratur